## FIL-ĠNEJNA: VARJANT

*Żahar u nwar fis-siġar kollha,*
*April ferra' ferħ u ġmiel –*
*Fejn kull warda tfur bit-tama:*
*Qalbi biss taħbat titbiel.*

*Il-farfett jiżżeffen ħlejju,*
*kollu logħob ta' lwien fix-xemx;*
*fl-aħħar siker fl-isbaħ fjura:*
*biss għalija serħ ma hemmx.*

*Il-għasfura taf fejn sejra*
*frieħ ħarkiena jistennewha;*
*jiena biss beżgħan minn triqti*
*x'ħin 'il hawn jew 'l hinn niltewa.*

*X'jiswa li noħroġ fil-ġnejna*
*li nindokra bl-għaraq tiegħi,*
*x'jiswa li April bishieli*
*jekk int għadek m'intix miegħi?*

9.iv.65

VANNI SANT